PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

22.9.2008 0076/2008

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Sharon Bowles, Elspeth Attwooll, Martine Roure, Caroline Lucas u Anders Wijkman

dwar l-għarfien ugwali tas-sħubijiet ċivili

Data ta' skadenza: 15.1.2009

**0076/2008**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-għarfien ugwali tas-sħubijiet ċivili**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra d-Direttiva taċ-Ċittadini tal-UE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Unjoni Ewropea hija impenjata fir-rigward tal-moviment ħieles taċ-ċittadini tagħha,

B. billi bl-introduzzjoni jew l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni rigward sħubijiet jew żwiġijiet tal-istess sess f'ħafna Stati Membri, huwa ċar li qed ikun hemm konsensus fl-Ewropa kollha dwar il-kwistjoni ta' sħubijiet tal-istess sess,

C. billi d-drittijiet mogħtija b'leġiżlazzjoni bħal din ivarjaw minn Stat għal Stat, bir-riżultat li xi Stati Membri b'leġiżlazzjoni bħal din ma jirrikonoxxux sħubijiet ta' l-istess sess ta' Stati Membri oħra,

D. billi din is-sitwazzjoni ġabet tbatija għall-koppji li eżerċitaw id-drittijiet tagħhom tal-moviment ħieles,

E. billi numru ta' Stati Membri għażlu li ma jagħmlux dispożizzjoni għal sħubijiet tal-istess sess, filwaqt li wieħed jifhem li l-għażla jekk jagħmlux hekk tibqa' l-prerogattiva tal-gvernijiet nazzjonali tagħhom,

F. jinnota l-konklużjonijiet tar-rapport riċenti tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali dwar l-Omofobija u d-Diskriminazzjoni Fuq il-Bażi tal-Orjentazzjoni Sesswali fl-Istati Membri tal-UE,

1. Jitlob lil dawk l-Istati Membri li għandhom leġiżlazzjoni eżistenti dwar is-sħubija tal-istess sess biex jirrikonoxxu l-arranġamenti ta' Stati Membri oħra li għandhom dispożizzjonijiet simili;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex tfassal linji gwida għal rikonoxximent reċiproku bejn l-Istati Membri li għandhom leġiżlazzjoni eżistenti;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri